**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 19/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**David Scicluna**

**Illum 11 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **David Scicluna**, iben Joseph Mary u Mary Dolores neè Cassar, imwieled il-Kalkara fit-12 ta' Awwissu 1951, residenti ġewwa Blk C2, Fl4, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0612251(M), talli f'dawn il-Gżejjer u/jew f'Blk C2, Fl4, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex, nhar is-27 ta' Novembru 2021, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, f'xi ħinijiet bejn 00:00hrs u s-01:00hrs:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ibnu, u cioè Ennio Scicluna, f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem u fis-saħħa, cioè offiża ta' natura ħafifa, fuq ibnu Ennio Scicluna, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gabriella Buttigieg, Med. Reg. 4318, liema reat sar b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż;
2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ibnu u cioè Ennio Scicluna, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;
3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ibnu u cioè Ennio Scicluna jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (i) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Ennio Scicluna; (ii) minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil David Scicluna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 16 tal-proċess;

Rat illi l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet lil Ennio Scicluna[2] u lil Evelyn Scicluna[3] jiddikjaraw li ma jridux jixhdu fil-konfront ta' l-imputat;

Semgħet ix-xhieda tat-Tabiba Dr. Gabriella Buttigieg mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022[4] u x-xhieda ta' l-Ispettur Sherona Buhagiar mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Frar 2022[5] u tat-22 ta' Novembru 2022[6], semgħet ix-xhieda ta' PC2043 Jacqueline Chapel[7] u ta' PS2325 Victoria Fenech Buontempo[8] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022 u x-xhieda tat-Tabiba Dr. Olena Katric mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022[9] u rat id-dokument esebit minn Dr. Olena Katric markat Dok. "GV1" a fol. 78 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC2426 Josianne Vassallo mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Awwissu 2022[10] u x-xhieda ta' PC2381 Jessica Bondin mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022[11];

Rat illi b'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Ottubru 2022[12], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 221(2), 217, 222(1)(a), 202(h)(iii)(v) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022[13] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommerja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023[14], id-Difiża ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq u li l-imputat mhux se jixhed f'dawn il-proċeduri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 83 sa' 90 tal-proċess u rat li id-Difiża baqgħet ma ippreżentat l-ebda Nota Responsiva;

---

[1] Fol. 20 tal-proċess.

[2] Seduta tad-9 ta' Frar 2022, fol. 21 tal-proċess.

[3] Seduta tal-5 ta' Mejju 2022, fol. 44 u 45 tal-proċess.

[4] Fol. 23 u 24 tal-proċess.

[5] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

[6] Fol. 69 tal-proċess.

[7] Fol. 39 u 40 tal-proċess.

[8] Fol. 41 u 42 tal-proċess.

[9] Fol. 46 u 47 tal-proċess.

[10] Fol. 59 u 60 tal-proċess.

[11] Fol. 62 u 63 tal-proċess.

[12] Fol. 65 tal-proċess.

[13] Fol. 68 tal-proċess.

[14] Fol. 80 tal-proċess.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer u/jew f'Blk C2, Fl4, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex, nhar is-27 ta' Novembru 2021, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, f'xi ħinijiet bejn 00:00hrs u s-01:00hrs: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ibnu, u cioè Ennio Scicluna, f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem u fis-saħħa, cioè offiża ta' natura ħafifa, fuq ibnu Ennio Scicluna, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gabriella Buttigieg, Med. Reg. 4318, liema reat sar b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż; (2) Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ibnu u cioè Ennio Scicluna, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (3) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ibnu u cioè Ennio Scicluna jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Ottubru 2022[15], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 221(2), 217, 222(1)(a), 202(h)(iii)(v) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**L-Ispettur Sherona Buhagiar**[16] xehdet illi *nhar is-27 ta' Novembru tas-sena 2021, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu kienu nfurmawni, peress illi jiena kont duty officer, li kien daħal rapport minn ċertu Ennio Scicluna. Dan kien mar l-Għassa ta' l-Imsida ħafi jitlob għall-assistenza tal-Pulizija, huwa kien stqarr illi missieru kien ħebb għalih b'sikkina. Hu kien ittieħed mill-Pulizija tad-Distrett ġewwa l-Iskwadra ta' Kontra l-Vjolenza Domestika sabiex jagħmel rapport. Ennio stqarr illi kien ħa xi drinks u kif mar id-dar, missieru kien qed jagħmel xi toast u kien ħebb għalih b'din is-sikkina u meta jiena kellimt lil Ennio dakinhar stess filgħodu, għedtlu "Kif laqtek f'saqajk?" u qalli li għaliex beda jipprova biex jiddefendi lilu innifsu, tella' saqajh u b'hekk laqtu u kellu xi grif f'sieq],. Hu beda jgħid illi missieru qallu li ma jridux joqgħod hemmhekk ġewwa daru u beda jgħidlu sabiex jitlaq 'l barra. Kif ħebb għalih b'sikkina huwa telaq jiġri minn ġor-residenza u mar għall-assistenza tal-Pulizija. Jiena bgħatt għal David Scicluna fejn ittieħdet stqarrija u huwa ma wieġeb għall-ebda mistoqsija li jien għamiltlu. Is-sikkina marru tad-Distrett sabiex tiġi elevata però din is-sikkina ma*

[15] Fol. 65 tal-proċess.

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022, fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

*nstabitx. Meta mistoqsi x'tip ta' sikkina kienet, kien qal li s-sikkina li kien qed juża' biex jagħmel it-toast però qisu ma tantx ta deskrizzjoni tajba tagħha din is-sikkina u nixtieq ngħid ukoll li Ennio aħna offrejnilu sabiex jagħmel risk assessment fejn aċċetta però imbagħad x'ħin mar ikellem lil ommu, dan għażel illi r-risk assessment ma* [jagħmlux] *u infatti iffirma karta wkoll u r-risk assessment ma sarx u jiena kont infurmata wkoll illi ċ-ċertifikat kien slight iżda jiena ħdimt dawn l-akkużi minħabba li kienet intużat din is-sikkina mill-imputat fuq l-allegat vittma.*

In kontro-eżami l-Ispettur Buhagiar iddikjarat li hija pproċediet bl-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat, anke dik rigwardanti l-użu ta' arma regolari, a bażi ta' dak li rrapporta Ennio Scicluna. Stqarret ukoll illi hija tkellmet ukoll ma' omm l-imputat li qaltilha li *semgħet kommossjoni u niżlet isfel tara u ma ċaħditx li dan l-allegat inċident ġara.*

Preżenti għall-istqarrija ta' l-imputat kien hemm **PC2381 Jessica Bondin**[17] illi ikkonfermat li l-imputat kien ikkonsulta ma' l-Avukat ta' l-għażla tiegħu qabel irrilaxxa l-istqarrija u li huwa ma wieġeb kważi għal ebda mistoqsija li saritlu.

**PC2043 Jacqueline Chapel**[18] xehdet illi *fis-27 ta' Novembru tas-sena 2021, jiena kont qiegħda night watch ma' PC2426 u għall-ħabta ta' xi l-05:00a.m. daħal Ennio mal-Pulizija ta' l-Għassa ta' l-Imsida. Is-sinjur kien naqra ppanikjat, niftakar li kien b'kalzetta waħda u l-oħra kienet ħafja siequ u daħal jgħid illi kien aggredit minn missieru. Huwa stqarr li waqt li qed nieħdu r-rapport … illi għall-ħabta ta' bejn nofsilejl u s-01:00a.m., mar lura d-dar fejn joqgħod hu flimkien ma' ommu, missieru u ħuh Fabio u qal illi missieru għandu problema ta' xorb. Hu kien ilu ma jixrob xi xahar u nofs għax kien għadu kif għamel transplant f'xagħaru u dakinhar ħareġ u ħa xi 4 drinks. Qal li kif daħal, kellhom ħafna ġlied hu u missieru, u missieru keċċieh 'l barra, li dan qabad sikkina u beda jxejjirha fid-direzzjoni tiegħu. Qal li beda jgħajru u laqtu w infatti kellu xi ġrieħi viżibbli f'saqajh. Il-Pulizija ta' l-Imsida kienu ħaduh il-polyclinic tal-Furjana u ġie iċċertifikat illi kellu slight injuries f'saqajh. … Aħna ħadna r-rapport u nfurmajna lill-Ispettur Sherona Buhagiar, qalilna li għandu recording fil-mobile u l-Ispettur kienet elevat il-mobile u kellhom imorru ta' l-Imsida biex jaraw jekk isibux is-sikkina, liema sikkina kienu qalu li ma sabuhiex u meta staqsejna lil Ennio kif kienet is-sikkina, hu qalilna li ma jiftakarx għax kien fi stat ta' paniku u telaq jiġri lejn l-Għassa. Imbagħad saret l-investigazzjoni min-naħa ta' l-Ispettur tagħna.*

PC2043 stqarret illi hija rat li Ennio Scicluna kellu grif u tenniet illi kien jidher ippanikjat ħafna u ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. Dakinhar huwa qalilha li kien qed jibża' jmur lura d-dar u b'hekk kien se jmur jorqod għand nantu f'Tignè Point, Tas-Sliema.

Dak affermat minn PC2043 Jacqueline Chapel ġie kkonfermat minn **PC2426 Josianne Vassallo** fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-30 ta' Awwissu 2022, fol. 59 u 60 tal-proċess.

**PS2325 Victoria Fenech Buontempo**[19] xehdet illi *fis-27 ta' Novembru tas-sena 2021, f'xi nofsilejl kien ġie Ennio Scicluna biex jirrapporta li kellu xi argument ma'*

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 62 u 63 tal-proċess.

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022, fol. 39 u 40 tal-proċess.

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022, fol. 41 u 42 tal-proċess.

*missieru fejn tah xi daqqa ta' sikkina. Ahna kkuntattjajna lil tad-Domestic Vioence u qalulna li ovvjament minħabba li kellu xi ġrieħi neħduh il-Health Centre imbagħad ħadnieh hemmhekk wara li morna l-Health Centre. Issa dan, is-sikkina li kienet intużat qal hu, ma kinitx magħna u tad-DV kienu qalulna biex immorru d-dar infittxu din is-sikkina. Morna għaliha, erġajna ħadnieh magħna u ma sabhiex, ma kienx jaf fejnha u erġajna ħadnieh id-DV.* Mistoqsija dwar x'ġrieħi kellu Ennio Scicluna, PS2325 wieġbet *kellu qisha girfa f'saqajh in-naħa t'isfel.* L-imsemmija Surġent stqarret ulterjorment illi *kellu l-argumenti tiegħu għax missieru jgħidlu li jrid joħroġ jaħdem, irid jitlaq mid-dar u għax għandu xi 35 jidhirli. … Kien qisu aġitat, il-ħin kollu jsemmi għaliex għamel it-transplant u l-ħin kollu jsemmi, il-ħin kollu imma ta beda jsemmiha li għamel it-transplant, kontinwament u l-bqija hekk kien. Kien aġitat ħafna ifhem għax kien hemm l-argument.*

**Dr. Gabriella Buttigieg**[20] ikkonfermat li ċ-ċertifikat mediku esebit a fol.12 tal-proċess kien inħareġ minnha u li fih hija ndikat il-ġrieħi minnha riskontrati meta eżaminat lil Ennio Scicluna. Dwar x'qalilha dakinhar Ennio Scicluna, Dr. Buttigieg wieġbet *hu qalli illi l-papà tiegħu kien taħ xebgħa u jiena mbagħad rajtu. Li sibt bħala ġrieħi, ħafna minnhom kienu grif u l-pazjent niftakar illi kien ħafi so lin-nurse għedtlu biex jimsaħlu ftit saqajh u x'ħin messlu saqajh beda jgħid illi qed tuġgħu so jiena b'għajnejja ma nistax ngħid hekk hijiex miksura jew le, allura irreferejtu għall-X-ray. Imma l-ġrieħi li ktibt, ktibt li grif kien hemm għax dawk li rajt. … Bħala non-grievous u until proven otherwise għaliex ridt l-X-ray.*

**Dr. Olena Katric**[21] xehdet dwar l-X-ray li sar fuq Ennio Scicluna u ddikjarat li *it was a negative X-ray without any signs of injury. I didn't see any fractures so the actual report was "No fractures were seen".* Dwar dan esebiet ir-rapport relattiv markat Dok. "GV1" a fol. 48 tal-proċess.

L-allegat vittma **Ennio Scicluna**[22] u ommu, u mart l-imputat, **Evelyn Scicluna**[23] li skond ma ġiet infurmata l-Ispettur Sherona Buhagiar, kienet preżenti d-dar dakinhar ta' l-allegat inċident bejn Ennio Scicluna u missieru, entrambe għażlu li ma jagħtux ix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif già osservat iktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-imputat qed jiġi mixli bi tlett imputazzjonijiet ilkoll relatati ma' l-allegat inċident ma' ibnu Ennio Scicluna, nhar is-27 ta' Novembru 2021 ġewwa l-fond Blk C2, Fl4, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex. L-imputazzjonijiet huma li: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ibnu, u cioè Ennio Scicluna, f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem u fis-saħħa, cioè offiża ta' natura ħafifa, fuq ibnu Ennio Scicluna, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Gabriella Buttigieg, Med. Reg. 4318, liema reat sar b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew jniggeż; (2) ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ibnu u cioè Ennio Scicluna, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (3) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022, fol. 23 u 24 tal-proċess.

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022, fol. 46 u 47 tal-proċess.

[22] Seduta tad-9 ta' Frar 2022, fol. 21 tal-proċess.

[23] Seduta tal-5 ta' Mejju 2022, fol. 44 u 45 tal-proċess.

Kodiċi Kriminali lil ibnu u cioè Ennio Scicluna jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li fi proċeduri ta' natura kriminali l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li appuntu għandha l-oneru li tipprova l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Fir-rigward issir referenza għs-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Attard**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2023, fejn ingħad illi *huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-imputat jiġi dikjarat ħati, l-akkuża dedotta, għandha tiġi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raġuni. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (5 ta' Diċembru 1997) fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Peter Ebejer" fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.' "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

L-Artikolu 638(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta in oltre jipprovdi li: *Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti.*

Ma hemmx dubju li fil-każ in eżami l-aqwa prova li setgħet tressaq il-Prosekuzzjoni tikkonsisti fix-xhieda ta' l-allegat vittma Ennio Scicluna u fix-xhieda ta' ommu Evelyn Scicluna li, skond ma hija qalet lill-Ispettur Sherona Buhagiar, kienet preżenti dakinhar ta' l-allegat inċident. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet lil Ennio Scicluna u lil Evelyn Scicluna bħala xhieda biex tissosstanzja l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, dawn entrambe għażlu li ma jixhdux kontra tiegħu. B'din l-għażla ta' Ennio Scicluna u ta' Evelyn Scicluna, il-Prosekuzzjoni ġiet li in sostenn ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat qed tistrih biss fuq ix-xhieda ta' persuni li ma kienux preżenti waqt l-inċident iżda kienu biss persuni li ħadu r-rapport ta' Ennio Scicluna, ossia l-uffiċjali tal-Pulizija, inkluż l-Ispettur Buhagiar, u li nvistaw lil Ennio Scicluna għal ġrieħi li seta' kellu, ossia t-tobba Dr. Gabriella Buttigieg u Dr. Olena Katric. Dan ifisser għalhekk li l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha fil-konfront ta' l-imputat esklussivament fuq *hearsay evidence*.

Ir-regoli dwar *hearsay evidence* jinsabu ben esposti fl-Artikoli 598 u 599 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, reżi applikabbli għall-proċeduri kriminali in forza ta' l-Artikolu 645 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hemm provdut illi: Artikolu 598 - *(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xhieda fuq dawk il-fatti. (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xhieda bħal dawk. (3) Iżda l-qorti tista'*

*ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.* Artikolu 599 - *Il-qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort' oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu u jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-każ in eżami kif ingħad Ennio Scicluna seta' jixhed, tressaq bħala xhud iżda għażel li ma jixhidx kontra l-imputat, missieru. L-istess jgħodd għal Evelyn Scicluna li għażlet li ma tixhidx kontra żewġha l-imputat. B'hekk dak li xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija dwar x'qalilhom Ennio Scicluna fir-rigward ta' l-allegat inċident ma' l-imputat ma jistax jitqies bħala prova ta' l-inċident u l-veraċità ta' dak rappurtat minn Ennio Scicluna, iżda biss bħala prova li dak li ngħad, ingħad lilhom minn Ennio Scicluna. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Subramaniam v. Public Prosecutor**, fejn jinghad illi: *evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay.* ***It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made***[24]*. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*

Ix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija dwar dak li Ennio Scicluna rrapporta lilhom, ma tista' qatt titqies bħala prova sodisfaċenti, wisq inqas prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li l-inċident bejn Ennio Scicluna u missieru l-imputat vera seħħ u li l-imputat huwa fil-fatt ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fil-każ in eżami dan jassumi ferm iktar importanza meta mix-xhieda ta' l-uffiċjali tal-Pulizija joħroġ li Ennio Scicluna qalilhom li kellu video ta' l-inċident fuq il-mobile tiegħu iżda għal xi raġuni jew oħra, la l-mobile ta' Ennio Scicluna u lanqas il-video li suppost jeżisti dwar dan l-inċident ma ġew prodotti bħala prova f'dawn il-proċeduri. In kwantu jirrigwarda imbagħad ix-xhieda tat-Tobba li nvistaw lil Ennio Scicluna u rriskontrawlu ġrieħi ta' natura ħafifa, dawn ma xeħtu, għaliex in verità ma setgħux, l-ebda dawl fuq kif Ennio Scicluna ġarrab l-ġrieħi li rriskontrawlu. Għalkemm it-Tabiba Dr. Gabriella Buttigieg qalet li skont ma qalilha Ennio Scicluna, il-ġrieħi li kellu ġew kawżati lilu minn missieru, l-imputat odjern, hawn ukoll Dr. Buttigieg sempliċement qed tgħid x'qalilha Ennio Scicluna iżda bl-ebda mod ma tista' tgħid - u b'hekk bl-ebda mod ma jista' jiġi ppruvat - li dak li qalilha Ennio Scicluna kien minnu. Fattur ieħor ta' importanza fil-każ in eżami huwa li filwaqt li Ennio Scicluna allega li missieru, l-imputat, aggredih b'sikkina, din is-sikkina huwa ma setgħax jiddeskriviha sew u l-Pulizija, għalkemm ippruvaw, din l-istess sikkina baqgħu qatt ma sabuha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li f'dan il-każ, fejn jiġi ribadit l-allegat vittma Ennio Scicluna u ommu Evelyn Scicluna, li skond ma nfurmat lill-Pulizija hija stess,

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.

kienet preżenti d-dar meta nqala l-allegat inċident ma' l-imputat missieru, għażlu li ma jixhudx kontra l-istess imputat, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq l-aħjar prova ai termini tal-Liġi u per kosegwenza ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Konsegwentement għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u għandu jiġi lliberat minnhom.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**